**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 29 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 963/02 AJD**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Louis Pace**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), kwantu ghal erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm44.75) Royalty u sitt liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm6.71) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 011266 (Dok. A), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Il Bocconcino Snack Bar, San Giljan, ghall-perijodu mis-6 ta' Dicembru, 2001, sal-5 ta' Dicembru, 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Avviz, dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u hamsin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**